# L-ANTIFONA TAL-KUNĊIZZJONI U L-MUŻIĊISTA CARLO DIACONO F'GĦELUQ IL-50 SENA MILL-MEWT TIEGĦU

Mill-Kan. Prep. Jos. Bonello



Il-mużiċista Carlo Diacono miet fil-15 ta' Ġunju 1942. Tajjeb għalhekk li din is-sena t'għeluq il-50 sena mill-mewt tiegħu nfakkru lil dan il-kbir kompożitur Malti u ngħidu xi ħaġa fuq il-famuża Antifona tal-Kunċizzjoni 'HODIE EGRESSA EST', waħda mill-isbaħ xogħlijiet tiegħu, li aħna l-Bormliżi tant nieħdu pjaċir nisimgħu fil-ġranet tal-festa tagħna.

**Kompożitur Kbir**

Carlo Diacono kien mużiċista magħruf ma' Malta kollha, tgħallem u studja għand il-Bormliż Paolino Vassallo, kien Surmast Direttur tal-Banda Beland taż-Żejtun (il-Banda li kien waqqaf missieru Orazio) u kien ukoll id-Direttur tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla meta kiteb l-innu kbir tiegħu "A MARIA IMMACOLATA".

Ħallielna għadd immens ta' mużika sagra, lirika u profana; kiteb sinfoniji, Overtures, Preludji, mużika polifonika, innijiet, antifoni, 45 quddiesa kantata u madwar 22 quddiesa tal-mejtin, barra għadd kbir ta' għosrien, marċi, romanzi u xogħlijiet għall-pjanu. F'Mejju tal-1918 Diacono ippreżenta l-opra tiegħu "ALPINO" fit-Teatru Rjal. Is-suċċess ta' din l-opra kien immens.

Il-mużika tiegħu indaqqet f'Ruma, fi New York, fil-Kajr u fl-Ingilterra. Wieħed mill-aqwa trijonfi tiegħu kien meta fis-Silver Jubilee tar-Re Ġorġ V idderieġa


CARMELO CORTIS

*IRONMONGERY*

*FURNITURE & FRAME MAKER*

**5, Block 2, St. Paul's Church Area,**

**Cospicua.**

**Tel: 820246**

35 Banda f'daqqa fil-Main Guard u fuq Kastilja fil-Belt Valletta. Fis-sena 1923 laħaq Maestro di Cappella tal-Kattidral ta' Malta meta nxteħet b'ruħu u ġismu għal mużika sagra skond il-Motu proprju tal-Papa Piju X u rnexxielu jagħtina mużika sabiħa u fl-istess ħin addattata għall-funzjonijiet tal-Liturġija. Wara laħaq ukoll Maestro di Cappella ta' Bormla, l-Isla, il-Birgu, iż-Żejtun, Ħaż-Żebbuġ u diversi Parroċċi oħra.



*Mro. Carlo Diacono (1876-1942), li kien ukoll wieħed mis-Surmastrijiet tal-Banda ta' Bormla.*

Diacono li twieled iż-Żejtun fl-1 ta' April 1876, miet f'Ħal-Lija fl-aqwa tal-gwerra fil-15 ta' Ġunju 1942 u jinsab midfun fiċ-Ċimiterju ta' San Girgor iż-Żejtun.

**Il-Mużika Sagra fi Żmien Diacono**

Fi żmien Diacono la kien hawn Radju, la T.V. u lanqas Cassettes, xejn. Jekk kont trid tisma' l-mużika kont trid tmur il-knisja fil-festa, jew it-teatru li kien iffrekwentat biss mis-sinjuri. Il-poplu kellu biss il-knisja, għalhekk f'dan iż-żmien il-knejjes kienu jkunu fgati bin-nies għax il-mużika sagra kienet ferm popolari. Diversi mużiċisti tat-Teatru Rjal kienu jieħdu sehem fl-Orkestri tal-Knejjes tagħna mmexxija mis-Surmastrijiet Diacono, Vassallo, Bugeja, Nani, Camilleri u oħrajn. Il-Pika kbira kienet bejn Bugeja u Nani. Diversi Parroċċi kienu ma' Nani u oħrajn ma' Bugeja. Għadd ta' Bormliżi kienu jistennew lil Bugeja lejliet il-Kunċizzjoni fis-Suq il-Qadim (Pjazza Paolino Vassallo) biex jitilgħu miegħu u jwassluh sal-Parroċċa.

Iżda l-mużika ta' Bugeja u Nani ma tantx kienet addattata għal-Liturġija, kienet wisq profana u operistika, ħafna riedu riforma. Il-Papa Piju X kien diġà ħareġ il-Motu Proprju dwar ir-Riforma tal-Mużika fil-Knejjes, iżda din ir-Riforma ma ntgħoġbotx mill-maġġoranza tal-Maltin. Robbie Mifsud Bonnici jgħidilna "Is-Surmast Vassallo u l-mużiċisti l-oħra darba fost l-oħrajn ħtiġilhom jissakkru fuq l-Orgni għax in-nies għamlet għalihom billi ma daqqewx, ta' dan, garawhom il-ġebel minn fuq il-bjut".

**Riforma fil-Mużika Sagra**

Kien Paolino Vassallo, u warajh Carlo Diacono li ta' Kattoliċi prattikanti, ħassew il-bżonn li għandhom ikunu ta' eżempju għal sħabhom mużiċisti oħra. Kienu minn ta' l-ewwel li bdew jiktbu mużika sagra skond kif ried il-Papa

Piju X fil-Motu proprju tal-Knisja, iżda sabu oppożizzjoni kbira. L-irjus saħnu żżejjed tant li f'Jannar 1907 l-Isqof ħareġ Ċirkolari fejn ordna li l-mużika stil profan, mimlija tendenzi teatrali ma tinstemax aktar fil-knejjes. L-Isqof iżda għamilha ċara li l-Papa ma qalx li mużika fil-knejjes ma tindaqqx, iżda biss li tkun xierqa għat-tempju t'Alla u mhux ħafna bċejjeċ teatrali jaqilbuhom f'Salmi, Antifoni u f'Tantum Ergi. Min-naħa tal-partitarji ta' Nani u Bugeja l-oppożizzjoni kienet kbira, iżda Diacono beda jikteb skond ir-regolamenti maħsubin mill-Papa Piju X u malajr il-mużika tiegħu bdiet tiġi apprezzata tant li fi ftit taż-żmien laħaq Maestro di Cappella f'ħafna Parroċċi ta' Malta.

**L-Antifona tal-Kunċizzjoni**

L-Antifona 'HODIE EGRESSA EST' hija waħda mill-isbaħ xogħlijiet ta' Carlo Diacono: inkitbet fis-sena 1923 meta kien Maestro di Cappella tal-Kolleġġjata tagħna. Il-kliem tagħha bil-Latin huma:

Hodie Egressa Est Virga De Radice Jesse
Hodie Sine ulla Peccati Labe Concepta Est Maria
Hodie Contritum Est Ab Ea Caput Serpentis Antiqui
Alleluia, Alleluia.

Li bil-Malti jfisser:

Illum Feġġet ir-Rimja mill-fergħa ta' Jesse
Illum Marija Ġiet Imnissla Mingħajr Ebda Tebgħa Ta' Dnub
Illum Ġiet Misħuqa Minn Marija Ras Is-Serpent
Alleluia, Alleluia.

Din l-Antifona titkanta fil-festa tagħna lejliet il-Kunċizzjoni waqt it-Translazzjoni u anke fit-8 ta' Diċembru fil-għodu wara l-Quddiesa Kantata u meta tidħol il-Vara fil-knisja. Aħna l-Maltin inħobbu ħafna l-Antifona tant li kull pajjiż għandu l-Antifona tiegħu. Infatti jgħidilna Joe Vella Bondin "Fil-Liturġija ta' festa Maltija il-biċċa mużika ewlenija li tradizjonalment tidentifika minn dik ta' raħal u ieħor hija l-Antifona, u Maestri di Cappella għalhekk dejjem tawha importanza partikolari bir-riżultat li ħafna minn dawn l-Antifona huma kreazzjoni melodjużi mill-aqwa".

Hekk hija l-Antifona tagħna, verament "Kreazjoni Melodjuża mill-Aqwa" li aħna l-Bormliżi tant nieħdu pjaċir nisimgħuha fil-ġranet tal-festa, l-aktar meta l-Vara tant devota u sabiħa tal-Kunċizzjoni tidħol fil-knisja nhar it-8 ta' Diċembru ta' kull sena.

Antifoni sbieħ oħra li kiteb Diacono huma "Vade Anania" għall-Kattidral, "Ingresso Zacharia" għal San Ġwann il-Belt, "In Sepulchrum" (1924) għal Ħaż-Żubbuġ u "Prudens et Vigilans" (1926) għaż–Żejtun.

---

**Riferenzi:-**
1. Carlo Diacono Studju ta' Joseph Vella Bondin, Programm Banda Beland 1992.
2. Robert Mifsud Bonnici "Mużicisti w Kompożituri Maltin."
3. Arkivju Parroċċa Żejtun Lib. Bapt. XX fol 91
4. Arkivji Kurja Floriana.
5. Arkivji Banda San Ġorġ Bormla.
6. Programm Maria Immakulata Bormla 1989 Pag. 52.

**CARMELO GAUCI LTD.**

**IMPORTERS OF ALL KINDS OF TIMBER, PLYWOOD, BLOCKBOARD, CHIPBOARD, HARDBOARD, LAMINATED PLASTICS, HARDWARE, WOODWORKING & ALUMINIUM MACHINES.**

"CARGA"
New Street, off Qormi Road,
St. Venera - MALTA.

Tel: 445717 / 443861
Telex: 712 ICUAG MW
Cables: ICUAG - MALTA.

**Ray's Jewellery Ltd.**

WHOLESALE & RETAIL

MANUFACTURES & SPECIALISTS IN
CENTRIFUGAL JEWELLERY CASTING & MOULD MAKERS
336, ZABBAR ROAD, FGURA.
TEL: 802130